Forum Malta fl-Ewropa
280, 3rd Floor
Republic Street
Valletta VLT 04
Malta
Tel: (+356) 2590 9101
Fax: (+356) 2122 7580
Email: foruminfo@gov.mt

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
*Tel: (+356) 2590 9318*
*svetlana-rose.curmi@gov.mt*

---

# Press Release

## *FORUM EU...Forum Malta fl-Ewropa*'s television production on Education 22

This month will see the kick-off of *FORUM EU*, a new weekly 30-minute television programme, produced by *Forum Malta fl-Ewropa* in collaboration with Education 22. This new television production follows from the positive response obtained by Forum's past productions, namely *L-Unjoni Ewropea għalija* on TVM and *Sehemna fl-Ewropa* on Radio Malta. *Forum Malta fl-Ewropa* has teamed up with Education 22 for a highly educational and informative, yet entertaining, programme.

*FORUM EU*'s raison d'être is to empower viewers by providing them with the tools to access EU-related information. *FORUM EU* is yet another initiative targeted at bridging the gap between the European Union and its citizens. This is not only a Strategic Objective of Malta's Foreign Policy, but it is also the raison d'être behind the European Commission's White Paper on a European Communication Policy published in February 2006.

*FORUM EU* will in fact be offering its viewers an opportunity to learn about topical issues by way of interviews and features on current affairs on the EU Agenda that are of national interest. The programme will also outline services offered by various offices and agencies locally. It will serve as a source of information on funding opportunities available to Maltese citizens, through the various interviews which will be conducted throughout the series.

*FORUM EU*, produced by *Forum Malta fl-Ewropa* in collaboration with Education 22, will be presented by Norma Saliba and aired on Education 22 on Mondays at 6.30pm. The programme will be repeated twice a week – on Tuesdays at 9.30am and Saturdays at 7.30pm on the same station.

**FME – 07.11.2007**

Forum Malta fl-Ewropa
280, 3rd Floor
Republic Street
Valletta VLT 04
Malta
Tel: (+356) 2590 9101
Fax: (+356) 2122 7580
Email: foruminfo@gov.mt

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
*Tel: (+356) 2590 9318*
*svetlana-rose.curmi@gov.mt*

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## *FORUM EU...Produzzjoni ġdida għall-Forum Malta fl-Ewropa fuq Education 22*

*FORUM EU* huwa programm ġdid ta' 30 minuta li minn dan ix-xahar il-*Forum Malta fl-Ewropa*, flimkien ma' Education 22, se jkun qiegħed iwasslilkom ġewwa djarkom. Is-suċċess ta' produzzjonijiet oħrajn tal-*Forum*, fosthom *L-Unjoni Ewropea għalija* mxandar fuq TVM u *Sehemna fl-Ewropa* fuq Radju Malta, wassluh biex jipproduċi dan il-programm.

*Forum Malta fl-Ewropa* ngħaqad ma' l-istazzjon Education 22 biex iwassal lit-telespettaturi programm pjaċevoli iżda, fl-istess waqt programm edukattiv u informattiv. Fil-fatt il-ħsieb wara l-produzzjoni ta' *FORUM EU* huwa li jagħti l-għodda neċessarji lis-semmiegħa tiegħu biex dawn ikunu jistgħu jiksbu tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea u dwar dak kollu li jkun għaddej fi ħdanha li jaf ikun ta' interess għalihom.

*FORUM EU* huwa inizjattiva oħra biex titnaqqas id-distanza virtwali bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha. Din mhix biss hija l-Mira Strateġika tal-Politika Barranija ta' Malta iżda hija wkoll il-mira ewlenija tal-*White Paper* dwar il-Politika Ewropea għall-Komunikazzjoni, li kienet ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea fi Frar 2006.

*FORUM EU* se joffri lis-semmiegħa opportunita` ta' tagħlim dwar suġġetti varji mill-politika ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' intervisti. Il-programm se jwassal ukoll aħbarijiet kurrenti u se tingħata informazzjoni dwar is-servizzi li joffru uffiċċji u aġenziji lokali. Dan il-programm se jkun sors ta' informazzjoni għall-pubbliku dwar opportunitajiet ta' fondi, fil-fatt se jlaqqa' lis-semmiegħa ma' diversi Maltin li bbenefikaw minn opportunitajiet u għajnuna li toffri l-Unjoni Ewropea.

*FORUM EU*, produzzjoni tal-*Forum Malta fl-Ewropa* u Education 22, għandu preżentazzjoni ta' Norma Saliba u ser jixxandar kull nhar ta' Tnejn fis-6.30 ta' filgħaxija. Ir-ripetizzjoni ta' *FORUM EU* tixxandar kull nhar ta' Tlieta fid-9.30 ta' filgħodu u kull nhar ta' Sibt fis-7.30 ta' filgħaxija.

**FME – 07.11.2007**